TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 64/14-F

**Angela Farrugia**
**vs**
**Cedric Fonk**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmenin ewro (€80), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li sabet fuq l-arloġġ wara li ttieħed għat-tiswija.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet l-arloġġ għat-tiswija u ndunat b'diversi tibdiliet, fosthom is-sekondiera ma kinitx hemm, il-minutiera kienet imwaħħla bil-perm u ma' *shaft* kwadru, meta qabel din kienet teħel bi skorfina u fuq *shaft* tond, u li l-pjanċa tax-*chassis* tal-magna kienet tleqq u mhux bid-disinn kif kienet qabel.

L-intimat daparte tiegħu ssottometta illi kellu jagħmel dawn it-tiswijiet, u meta tagħmel it-tiswijiet, allura kellu jibdel xi affarijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota fid-dettal x'ġara u x'ma ġarax, u kif ukoll jinnota li l-intimat kellu jagħmel xi tiswijiet, pero' ċertu tiswijiet seta' nforma lir-rikorrenti qabel m'għamilhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888